MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 414/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Leanne Sciberras**

Illum 16 ta’ Gujnu, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Leanne Sciberras ta’ 22 sena, bint Anthony Sciberras u Elizabeth nee` Borg, mwielda Pieta` fis-17 ta’ Frar, 1986 u residenti f’ 71, ‘L-Arzella’, Triq il-Katlan, Attard u ghandha numru tal-karta ta’ l-identita 0093286M.

Akkuzata talli fl-24 ta’ Lulju, 2007 ghall-habta tal-11.00pm gewwa H’ Attard u f’ inhawi ohra f’ dawn il-Gzejjer Maltin, ghamlet hsara volontarja f’ vettura bin-numru tar-

registrazzjoni CBF 298 tal-marka Toyota Hilux, liema hsara hija aktar minn €116.47 (Lm50.00) izda anqas minn €1164.89 (Lm500.00) ghad-detriment ta' Anthony Sciberras li ghandu n-numru tal-karta ta' l-identita` 0559761M u ghal-terzi persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Anthony Sciberras u torbot lil imputata Leanne Sciberras, b' dawk il-kundizzjonijiet li jihrilha xierqa u dan ai termini tal-artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 16 ta' Gunju 2008 l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

L-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat n-natura tar-reat u c-cirkostanzi li wasslu lill-imputata biex tagixxi b'dan il-mod, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-fedina penali taghha li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijet ta'

Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena u li thallas lil parte leza Anthony Sciberras is-somma ta’ hames mija tlieta u hamsin Euro u sitta u sebghin Euro centezmi (Euro535.76) fi zmien sitt xhur.

In oltre biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Anthony Sciberras, il-Qorti qed torbot lill-hatja Leanne Sciberras, b’ obligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta’ mitejn hamsa u tletin Euro (Euro235) li ma dejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmi Anthony Sciberras ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghha u x’jigri jekk hija tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’sena u jekk ma toqghodx ghall-ordni lilha mghoti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------